MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 986/2005

**Anna Maria Navarro ( ID 555660 M)**

**Vs**

**Brenda Magri (ID 307080 M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attrici talbet li l-konvenuta thallas seba mija u seba u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm787.20c) rapprezentanti d-danni sofferti minnha wara li l-konvenuta ghamlet xoghol strutturali fil-fond 90/2 Melita Street, Valletta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn qalet li mhiex risponsabbli ghal allegati danni u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti ezebiti.

Il-konvenuta xehdet li ghamlet xi xoghol fil-fond taghha. Wara xi sitt xhur li spiccat ix-xoghol l-attrici kienet informatha li kellha xi hsara. Il-konvenuta biex tevita l-inkwiet accettat li taghmel xoghol ta’ tiswijiet fil-propjeta tal-attrici. Gabet bennej li kien sab li kien hemm tieqa fuq il-bieb li ma kienitx kif suppost issugerixxa li jitqabbad perit. Il-perit imbaghad qal li l-hsara li kellha l-attrici ma kienitx risultat tax-xoghol li ghamlet il-konvenuta.

Il-Perit Johanna Spiteri Stains prodotta mill-attrici qalet n-kontro-ezami li meta telghet fuq fejn il-post tal-konvenuta rat li kien hemm gebel, knanen u tip ta’ materjali ohra fil-passagg. Illi l-perit ikkonkludiet li x-xoghol kien ghadu ghaddej. Il-Perit Spiteri Stains ma dahlitx fil-fond tal-konvenuta. Il-Perit qalet li waslet ghal konkluzjoni li l-hsara li hemm fil-post ta’ l-attrici rrizultat mix-xoghol li kien hemm fil-post tal-konvenuta, dan ghaliex il-konsentura kienet friska. Din il-konsentura kienet rizultat ta’ caqliq sostanzjali fl-istruttura. Dan is-soltu jsir meta jkun hemm “re-distribution of loading”. Fir-rapport taghha l-Perit Spiteri Staines tghid:

“It is my considered opinion that this damage has been caused by recent renovation works carried out in the property directly above these two rooms… such works are still in the process of achieving completion. I believe the lintel cracked due to re-distribution of loading in the wall above”.

L-attrici xehdet li fit-3 ta’ Dicembru 2004 kien hemm thezziza u b’rizultat ta’ l-istess kien hemm gir fl-art u konsentura kbira. Sar ftehim li l-konvenuta ggib bennej biex isiru l-kunjardi. L-attrici kellha toqghod id-dar waqt li kien qed isir x-xoghol u ghalhekk tilfet l-paga. Il-perit Camilleri, perit tal-konvenuta kien qal li l-bini “hass effett tax-xoghol”.

Xehdu ukoll Joseph Shakir li ghamel x-xoghol fil-fond tal-konvenuta. Shakir qal li spiccaw ix-xoghol f’Gunju 2004 u

f'Dicembru 2004 l-attrici qalet li kellha problema fuq il-bieb u x-xhur ra xqaq fil-blata tal-bieb. Shakir ghamel gakkijiet u cempel il-bennej u lil Perit. Huma kienu ser jibdew ix-xoghol izda l-attrici keccietthom il-barra ghaliex hi hasset li bdew inehhu l-ghamara mhux kif suppost.

Andrew Bezzina xehed li kien hemm kantun li kien uzat biex jaghlaq tieqa u li dan ma kienx skond is-sengha. Bezzina qal li flimkien ma' Joseph Shakir kien se jaghmel ix-xoghol fil-fond tal-attrici u ghax-xoghol tieghu kien ser jitlob biss hamsin Lira (Lm50).

Il-Perit Patrick Camilleri prodott mill-konvenuta qal li ma setax ikun cert mija fil-mija li l-konsentura kienet rizultat tax-xoghol li ghamlet il-konvenuta. Il-perit ma setax jikkalkola l-piz zejjed fuq il-fond tal-attrici. Il-perit Camilleri qal li ma setax jiftakar ezatt il-kliem li qal dwar il-kagun tal-konsentura izda hass li billi kienet haga zghira hafna u billi kien sar xoghol fil-fond tal-konvenuta li Joseph Shakri seta' jaghmel ix-xoghol ta' tiswija u dan billi huma girien. Il-perit ghamel stima ta' mija u hamsin Lira (Lm150) u qal li x-xoghol setgha jitlesta fi zmien jumejn. Il-perit qal li waqt li kien ghaddej ix-xoghol ma kienx hemm ghalfejn li l-attrici tohrog mill-flat.

Fil-kontro-ezami l-perit qal li qabel ma beda x-xoghol kien dahal ghand l-attrici izda ma kienx ra konsentura. Ma kienx qed ifittex konsenturi. Il-Perit Camilleri ma marx "on site" waqt li kien qed isir ix-xoghol fil-fond tal-konvenuta. Ra r-rapport tal-Perit Camilleri. F'dan ir-rapport il-Perit Camilleri jispjega li jahseb li l-konvenuta setghet taghmel ix-xoghol bhala girien u li l-pretensjoni tal-attrici hi ezagerata. Il-Perit Camilleri jghid li ma kienx hemm ghalfejn l-attrici tmur f'Hotel, li l-kont ghax-xoghol u ghal tindif huma esagerati. Il-Perit jghid ukoll li l-ammont ta' Lm224 mitlub bhala "leave" huwa ukoll ezagerat.

Simon Jesmond Turner ikkonferma l-ircevuta a fol. 32 tal-process (cleaning services).

Wenzu Buhagiar ikkonferma l-ircevuta a fol. 27 tal-process.

Giet esebita stima tax-xoghol ta’ “for decoration”. Dan jaghti l-ammont ta’ mija u tnejn u sittin Lira (Lm162).

Ikkunsidra li l-konvenuta qieghda tallega li mhiex risponsabbli ghal hsarat fil-fond tal-attrici ghaliex l-konsentura harget f’Dicembru 2004 u hi spiccat ix-xoghol f’ Gunju 2004. Illi l-perit Spiteri Stains tghid li x-xoghol kien ghadu ghaddej f’Dicembru 2004 u li l-hsara kien risultat tal-konsentura. Il-Perit Camilleri mhux cert dwar x’ikkaguna l-hsara izda ssugerixxa li l-konvenuta taghmel x-xoghol ghaliex l-partijiet kienu girien. Il-konvenuta mill-ewwel accettat li taghmel ix-xoghol. Illi l-attrici oggezzjonat ghal mod kif kien qed isir u qabdet in-nies biex jaghmlu x-xoghol. Il-konvenuta qeghda tallega li l-ammont mitlub bhala danni huwa ezagerat.

Illi mir-rapport tal-Perit Spiteri Stains d-danni kienu risultat tax-xoghol fil-fond tal-attrici. Il-perit Camilleri li ghamel ir-rapport f’2006 ma kienx daqsekk cert. Illi l-fatt li qabel ma bdiet ix-xoghol il-konvenuta kienet koncernata dwar l-istess xoghol u l-effett ta’ dan ix-xoghol fuq il-fond tal-attrici u il-fatt li l-konvenuta accettat li taghmel r-riparazzjonijiet jindikaw li d-danni gew kagjonati mill-konvenuta.

Illi l-konvenuta tghid li l-ammont pretiz huwa esagerat u l-perit Camilleri jikkonferma dan.

Illi gew esebiti l-ircevuti liema rcevuti gew kkonfermati bil-gurament. Illi l-perit Camilleri jghid li l-kont tal-bennej huwa ezagerat izda Wenzu Buhagiar spjega ghaliex il-kont kien daqshekk. Il-perit qal li l-kont kien ezagerat ghaliex x-xoghol kien biss li jinbidel lintel. Illi fil-fatt il-bennej kellu jaghmel zewg travi.

Il-perit Camilleri joggezjona ghal fatt li l-attrici qieghda titlob hmistax il-Lira (Lm15) ghal kamra f’Hotel fl-lejl wiehed u mitejn u erba’ u ghoxrin (Lm224) bhala leave. Illi l-perit jaccetta li kien hemm bzonn li xi hadd joqghod id-dar waqt li x-xoghol kien ghaddej.

Illi wara li dan it-Tribunal ezamina l-ircevuti u x-xhieda dwar ix-xoghol li sar ma jistax jikkonkludi li l-ammont mitlub huwa ezagerat. Illi l-attrici soffriet danni u kellha dritt li tagixxi b'dan il-mod. Illi fil-fond taghha kien hemm diversi oggetti ta' valur u kellha bil-fors toqghod id-dar meta kien qed isir ix-xoghol.

Ghaldaqstant jilqa t-talba tal-attrici, jikkundanna lil konvenuta biex thallas seba mija u seba u tmenin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm787.20c) bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------